

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ZP

Konvenut: Bundesagentur für Arbeit

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 62(1), moqri flimkien mal-Artikolu 62(2), tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' qgħad ta' ħaddiem, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza għandha tibbaża l-kalkolu tal-benefiċċji fuq il-"paga" li l-persuna kkonċernata tkun "rċeviet" fir-rigward tal-aħħar attività tagħha eżerċitata fit-territorju tal-imsemmija istituzzjoni anki jekk, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-benefiċċji tal-qgħad applikabbli għall-istituzzjoni kompetenti, din il-paga ma tkunx tista' tittieħed inkunsiderazzjoni minħabba li ż-żmien li matulu tkun għet irċevuta ma kienx twil biżżejjed, u sussidjarjament, ikun previst kalkolu tal-benefiċċji fittizju?
- 2) L-Artikolu 62(1), moqri flimkien mal-Artikolu 62(2), tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' qgħad ta' ħaddiem, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza għandha tibbaża l-kalkolu tal-benefiċċji fuq il-"paga" li l-persuna kkonċernata tkun "rċeviet" fir-rigward tal-aħħar attività tagħha eżerċitata fit-territorju tal-imsemmija istituzzjoni anki jekk, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-benefiċċji tal-qgħad applikabbli għall-istituzzjoni kompetenti, din il-paga ma tkunx tista' tiġi inkluża fil-kalkolu tal-benefiċċji għall-perijodu ta' referenza peress li ma tkunx għet ikkontabilizzata fil-ħin, u sussidjarjament, ikun previst kalkolu fittizju tal-benefiċċji?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja) fl-10 ta' Jannar 2019 –  
Diskrimineringsombudsmannen vs Braathens Regional Aviation AB**

(Kawża C-30/19)

(2019/C 103/16)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Qorti tar-rinviju**

Högsta domstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Diskrimineringsombudsmannen

Konvenuta: Braathens Regional Aviation AB

**Domanda preliminari**

F'każ dwar ksur ta' projbizzjoni mniżżla fid-Direttiva 2000/43/KE <sup>(1)</sup> fejn il-persuna li tkun saritilha dannu titlob kumpens għal diskriminazzjoni, għandu l-Istat Membru, jekk mitlub mill-persuna li tkun saritilha dannu, dejjem jeżamina jekk saritx diskriminazzjoni – u fejn xieraq jikkonkludi li dak kien il-każ – irrispettivament minn jekk il-persuna akkużata minn diskriminazzjoni ammettietx jew le li saret id-diskriminazzjoni, sabiex jitqies bħala ssodisfatt ir-rekwiżit fl-Artikolu 15 għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol.1, p. 23).